# REGOLAMENT (UE) 2015/534 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tas-17 ta' Marzu 2015

## dwar ir-rapportar ta' informazzjoni finanzjarja superviżorja (BĊE/2015/13)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jagħti kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1), l-Artikolu 4(3), l-Artikolu 6(2), l-Artikolu 6(5)(d) u l-Artikolu 10 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-qafas għal kooperazzjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u mal-awtoritajiet nazzjonali nominati (Regolament Qafas tal-MSU) (BĊE/2014/17) ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 21(1), l-Artikolu 140 u l-Artikolu 141(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-istituzzjonijiet ta' kreditu huma soġġetti għal rekwiżiti ta' rapportar regolari kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ukoll "CRR") u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 ([4]). L-informazzjoni hija rrapportata u miġbura mill-BĊE skont id-Deċiżjoni BĊE/2014/29 ([5]). Dan ir-Regolament jikkomplimenta d-Deċiżjoni BĊE/2014/29 billi jispeċifika wkoll ir-rekwiżiti dwar ir-rapportar ta' informazzjoni finanzjarja superviżorja.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 jistabbilixxi rekwiżiti uniformi għall-istituzzjonijiet kollha soġġetti għar-Regolament (UE) 575/2013 fir-rigward tar-rapportar superviżorju lill-awtortitajiet kompetenti f'oqsma speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 1 tal-istess Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014. Wieħed minn dawn l-oqsma jikkonsisti fl-informazzjoni finanzjarja fuq bażi kkonsolidata. Skont l-Artikolu 99(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ir-rapportar ta' informazzjoni finanzjarja superviżorja fuq bażi kkonsolidata huwa obbligatorju għal istituzzjonijiet ta' kreditu li jippreparaw il-kontijiet tagħhom skont l-istandards tal-kontabilità internazzjonali adottati taħt il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]). Is-sottomissjoni mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali (NCAs) lill-BĊE tal-informazzjoni finanzjarja superviżorja obbligatorja skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014, dwar entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni u dawk inqas sinifikanti, bħalissa ssir skont id-Deċiżjoni BĊE/2014/29 u għandha tibqa' mhux affettwata, billi ma hijiex koperta mis-suġġett ta' dan ir-Regolament.

(3) L-eżerċizzju tad-diskrezzjoni biex l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu meħtieġa jużaw standards ta' kontabilità internazzjonali kif japplikaw skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 għar-rapportar superviżorju skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jaqa' barra mis-suġġett ta' dan ir-Regolament. Wara li ġie kkunsidrat l-Artikolu 150 tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17), għandhom jibqgħu mhux affettwati d-deċiżjonijiet mill-NCAs dwar l-eżerċitar, jew in-nuqqas ta' eżerċitar, ta' din id-diskrezzjoni.

(4) Skont l-Artikolu 99(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, għal istituzzjonijiet ta' kreditu li japplikaw standards ta' kontabilità internazzjonali kif applikabbli skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 għar-rapportar superviżorju skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ir-rapportar ta' informazzjoni finanzjarja superviżorja fuq bażi kkonsolidata jeħtieġ deċiżjoni mill-awtorità kompetenti biex dan ir-rapportar jiġi estiż. Il-BĊE għandu jieħu deċiżjoni wkoll li jestendi r-rekwiżit biex tingħata informazzjoni finanzjarja superviżorja lil gruppi sinifikanti taħt superviżjoni bl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002 għal rapportar superviżorju skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

([1]) ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63

([2]) ĠU L 141, 14.5.2014, p. 1.

([3]) Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

([4]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rappurtar superviżorju ta' istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 191, 28.6.2014, p. 1).

([5]) Deċiżjoni BĊE/2014/29 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-2 ta' Lulju 2014 dwar l-għoti lill-Bank Ċentrali Ewropew ta' dejta superviżorja rrapportata lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti mill-entitajiet taħt superviżjoni skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 (ĠU L 214, 19.7.2014, p. 34).

([6]) Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 609-612).

(5) Skont l-Artikolu 99(6) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, għall-istuzzjonijiet ta' kreditu li japplikaw oqfsa ta' kontabilità nazzjonali skont id-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE ([1]), ir-rapportar ta' informazzjoni finanzjarja superviżorja fuq bażi kkonsolidata teħtieġ deċiżjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti biex dan ir-rapportar jiġi estiż. Il-BĊE għandu jieħu d-deċiżjoni wkoll li jestendi r-rekwiżit ta' sottomissjoni ta' informazzjoni finanzjarja superviżorja għal gruppi sinifikanti taħt superviżjoni bl-applikazzjoni ta' oqfsa ta' kontabilità nazzjonali bbażati fuq id-Direttiva 86/635/KEE. L-Awtorità Bankarja Ewropea ġiet ikkonsultata skont l-Artikolu 99(6) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

(6) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 jistabbilixxi rekwiżiti uniformi għar-rapportar superviżorju dwar l-oqsma fl-ambitu tiegħu. Bis-saħħa tal-Artikolu 99(5) u (6) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/214 jirrigwarda biss informazzjoni finanzjarja superviżorja fuq bażi konsolidata. Ir-rapportar ta' informazzjoni finanzjarja superviżorja fuq bażi individwali ma jaqax taħt l-ambitu tiegħu; għalhekk, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jimponu rekwiżiti dwar ir-rapportar tal-informazzjoni finanzjarja superviżorja fuq bażi individwali. Wara li ġie kkunsidrat il-bżonn li jkun hemm informazzjoni finanzjarja paragunabbli għal entitajiet sinifikanti u inqas sinifikanti taħt superviżjoni, dan ir-Regolament għandu jippreskrivi l-informazzjoni finanzjarja superviżorja li għandha tiġi rrapportata minn entitajiet sinifikanti u inqas sinifikanti taħt superviżjoni fuq bażi individwali lill-NCAs. L-NCAs imbagħad għandhom jibagħtu din l-informazzjoni lill-BĊE skont l-Artikolu 140(3) tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17).

(7) Skont l-Artikolu 40 tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), l-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri ospitanti jistgħu jeħtieġu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha li jkollhom friegħi ġewwa t-territorju tagħhom jirrapportaw lilhom perjodikament fuq l-attivitajiet tagħhom f'dawk l-Istati Membri ospitanti. Skont l-Artikolu 2(20) tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17), friegħi stabbiliti fi Stat Membru parteċipanti minn istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fi Stat Membru mhux parteċipanti huma entitajiet taħt superviżjoni. Wara li ġie kkunsidrat il-bżonn li jkun hemm informazzjoni finanzjarja paragunabbli għal entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni, dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi l-informazzjoni li għandha tiġi rrapportata mill-friegħi stabbiliti fl-Istat Membru parteċipanti minn istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fi Stat Membu mhux parteċipanti lill-NCAs. L-NCAs imbagħad għandhom jibagħtu din l-informazzjoni lill-BĊE skont l-Artikolu 140(3) tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17).

(8) L-Artikolu 6(4) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 jipprovdi li l-BĊE għandu jkollu setgħat superviżorji fir-rigward ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, kumpaniji azzjonarji finanzjarji jew kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta, jew friegħi li huma stabbiliti fi Stati Membri parteċipanti ta' istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti. Għalhekk, il-friegħi stabbiliti fi Stat Membru parteċipanti minn istituzzjoni ta' kreditu minn pajjiż terz ma jaqgħux taħt il-kompiti superviżorji mogħtija lill-BĊE. Għaldaqstant, dawn il-friegħi ma għandhomx ikunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' rapportar f'dan ir-Regolament. Barra minn dan, friegħi stabbiliti fi Stat Membru parteċipanti minn istituzzjoni ta' kreditu minn Stat Membru parteċipanti ieħor għandhom ikunu esklużi minn dawn ir-rekwiżiti ta' rapportar, għaliex huma intiżi biex jiġu applikati fil-livell tal-entità taħt superviżjoni li stabbilixxiet il-fergħa.

(9) Ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament li jirrigwardaw entitajiet sinifikanti u inqas sinifikanti taħt superviżjoni, inklużi friegħi stabbiliti fi Stat Membru parteċipanti minn istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fi Stat Membru mhux parteċipanti, għandhom ikunu mmirati biex jiżguraw li dawn l-entitajiet taħt superviżjoni jirrapportaw sett minimu komuni ta' informazzjoni lil NCAs u mhux biex jiġu imposti rekwiżiti ta' rapportar uniformi. Jista' jkun xieraq għall-NCAs li tinġabar l-informazzjoni minima meħtieġa bħala parti minn qafas ta' rapportar usa' li huma jistabbilixxu skont id-dritt tal-Unjoni jew nazzjonali rilevanti u li sservi wkoll għanijiet li ma jkunux dawk superviżorji, bħal għanijiet statistiċi.

(10) Għall-eżerċitar tal-kompiti tal-BĊE, huwa meħtieġ li tiġi rċevuta informazzjoni finanzjarja minn gruppi inqas sinifikanti taħt superviżjoni, iżda mhux dawk li jippreparaw il-kontijiet konsolidati tagħhom f'konformità mal-istandards ta' kontabilità internazzjonali adottati skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002. Għalhekk, dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi l-informazzjoni finanzjarja superviżorja li għandha tiġi rrapportata lill-NCAs. B'mod partikolari, għandhom jiġu speċifikati l-formati, il-frekwenzi, id-dati ta' referenza u l-perijodi ta' trasferiment ta' flus u t-termini tya' skadenza għas-sottomissjoni tal-informazzjoni kkonċernata. Dawn ir-rekwiżiti għandhom ikunu mmirati biex jiġi żgurat li dawn il-gruppi taħt superviżjoni jirrapportaw sett minimu ta' informazzjoni lill-NCAs u mhux biex jiġu imposti rekwiżiti ta' rapportar uniformi.

([1]) Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE tat-8 ta' Diċembru 1986 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 157-173).

([2]) Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

(11) Skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, u l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17), kemm il-BĊE kif ukoll l-NCAs huma soġġetti għall-obbligu ta' skambju ta' informazzjoni. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-BĊE li jirċievi direttament informazzjoni rapportata minn istituzzjonijiet ta' kreditu, jew li jkollu aċċess dirett għal dik l-informazzjoni fuq bażi kontinwa, l-NCAs għandhom jipprovdu speċifikament lill-BĊE bl-informazzjoni kollha meħtieġa għall-finijiet tat-twettiq tal-kompiti mogħtija lill-BĊE bir-Regolament (UE) Nru 1024/2013.

(12) Skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014, l-istituzzjonijiet jistgħu jitħallew jużaw sena ta' kontabilità li tiddevja mis-sena kalendarja għar-rapportar tal-informazzjoni finanzjarja superviżorja fuq bażi konsolidata. Dan ir-Regolament għandu jippermetti wkoll l-użu ta' sena ta' kontabilità li tiddevja mis-sena kalendarja għal dak ir-rapportar.

(13) Il-BĊE għamel konsultazzjoni pubblika dwar dan ir-Regolament u analizza l-kosti u l-benefiċċji potenzjali,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

## TITOLU I

## SUĠĠETT U DEFINIZZJONIJIET

*Artikolu 1*

### Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti dwar ir-rapportar ta' informazzjoni finanzjarja superviżorja li għandha tintbagħat lill-NCAs minn:

(a) gruppi sinifikanti taħt superviżjoni li japplikaw standards ta' kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 għar-rapportar superviżorju skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, inkluż kwalunkwe subgrupp tagħhom;

(b) gruppi sinifikanti taħt superviżjoni, minbarra dawk li ssir referenza għalihom fil-punt (a), li huma soġġetti għal oqfsa ta' kontabilità nazzjonali bbażati fuq id-Direttiva 86/635/KEE, inkluż kull subgrupp tagħhom;

(c) entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni, inklużi fergħi stabbiliti fi Stat Membru parteċipanti minn istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fi Stat Membru mhux parteċipanti;

(d) gruppi sinifikanti taħt superviżjoni dwar sussidjarji stabbiliti fi Stat Membru mhux parteċipanti jew pajjiż terz;

(e) gruppi inqas sinifikanti taħt superviżjoni li japplikaw standards ta' kontabilità internazzjonali b'mod konformi mar-Regolament (KE) Nru 1606/2002 għar-rapportar superviżorju skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, inkluż kwalunkwe subgrupp tiegħu;

(f) gruppi inqas sinifikanti taħt superviżjoni, minbarra dawk li ssir referenza għalihom fil-punt (e), li huma soġġetti għal oqfsa ta' kontabilità nazzjonali bbażati fuq id-Direttiva 86/635/KEE, inkluż kull subgrupp tagħhom.

(g) entitajiet inqas sinifikanti taħt superviżjoni, inklużi fergħi stabbiliti fi Stat Membru parteċipanti minn istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fi Stat Membru mhux parteċipanti;

2. Bħala eċċezzjoni għall-Artikoli 7 u 14, entitajiet taħt superviżjoni li ngħataw eżenzjoni rigward l-applikazzjoni ta' rekwiżiti prudenzjali fuq bażi individwali, skont l-Artikolu 7 jew 10 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ma għandhomx ikunu meħtieġa jirrapportaw informazzjoni finanzjarja superviżorja skont dan ir-Regolament.

3. Meta l-awtoritajiet kompetenti, inkluż il-BĊE, jeħtieġu li l-istituzzjonijiet jikkonformaw mal-obbligi stipulati fil-Partijiet Tnejn sa Erbgħa u l-Partijiet Sitt sa Tmienja tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fit-Titolu VII tad-Direttiva 2013/36/UE dwar bażi subkonsolidata skont l-Artikolu 11(5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, dawk l-istituzzjonijiet għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament fuq bażi subkonsolidata.

4. NCAs u/jew banek ċentrali nazzjonali jistgħu jużaw id-dejta miġbura skont dan ir-Regolament għal kwalunkwe kompitu ieħor.

5. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-istandards ta' kontabilità applikati minn gruppi u entitajiet taħt superviżjoni fil-kontijiet konsolidati jew il-kontijiet annwali tagħhom, u lanqas jibdlu l-istandards ta' kontabilità applikati għar-rapportar superviżorju. Billi gruppi u entitajiet taħt superviżjoni japplikaw standards ta' kontabilità differenti, għandha tintbagħat biss informazzjoni li tirrigwarda regoli ta' valutazzjoni, inklużi metodi għall-istima ta' telf mir-riskju ta' kreditu, li jeżistu skont l-istandards ta' kontabilità rilevanti u huma applikati effettivament mill-grupp jew entità korrispondenti taħt superviżjoni. Għal dan l-iskop, mudelli ta' rapportar speċifiċi huma pprovduti għal gruppi u entitajiet taħt superviżjoni li japplikaw oqfsa ta' kontabilità nazzjonali bbażati fuq id-Direttiva 86/635/KEE. Punti ta' dejta fil-mudelli li ma japplikawx għall-entitajiet taħt superviżjoni rispettivi ma għandhomx għalfejn jiġu rrapportati.

6. Friegħi stabbiliti fi Stat Membru parteċipanti minn istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fi Stat Membru mhux parteċipanti jistgħu jissottomettu l-informazzjoni li huma meħtieġa jipprovdu taħt dan ir-Regolament lill-NCA relevanti permezz tal-istituzzjoni ta' kreditu li minnha jkunu ġew stabbiliti.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li jinsabu fir-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17), ħlief jekk ikun previst mod ieħor, flimkien mad-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "IAS" u "IFRS" ifissru "International Accounting Standards" [Standards ta' Kontabilità Internazzjonali] u "International Financial Reporting Standards" [Standards ta' Rapportar Finanzjarju Internazzjonali], kif imsemmi fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002.

(2) "sussidjarja" tfisser sussidjarja kif iddefinita fl-Artikolu 4(1)(16) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u li hija istituzzjoni ta' kreditu fit-tifsira tal-Artikolu 4(1)(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(3) "sub-grupp" tfisser grupp li l-impriża prinċipali tiegħu ma tkunx hija stess sussidjarja ta' istituzzjoni oħra awtorizzata fl-istess Stat Membru parteċipanti, jew ta' kumpanija holding finanzjarja jew kumpanija holding finanzjarja mħallta stabbilita fl-istess Stat Membru parteċipanti;

(4) "bażi kkonsolidata" tfisser bażi kkonsolidata kif iddefinita fl-Artikolu 4(1)(48) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(5) "bażi subkonsolidata" tfisser bażi subkonsolidata kif iddefinita fl-Artikolu 4(1)(49) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

*Artikolu 3*

**Bidla fl-istatus ta' entità taħt superviżjoni jew grupp taħt superviżjoni**

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, entità taħt superviżjoni jew grupp taħt superviżjoni għandhom jiġu kklassifikati bħala sinifikanti 18-il xahar wara li jkunu ġew innotifikati b'deċiżjoni kif imsemmi fl-Artikolu 45(1) tar-Regolament (UE) 468/2014 (BĊE/2014/17). Huma għandhom jirrapportaw informazzjoni skont it-Titolu II ta' dan ir-Regolament bħala entità sinifikanti taħt superviżjoni jew grupp sinifikanti taħt superviżjoni fl-ewwel data ta' referenza li sseħħ wara li jkunu ġew ikklassifikati bħala sinifikanti.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, entità taħt superviżjoni jew grupp taħt superviżjoni għandhom jiġu kklassifikati bħala inqas sinifikanti meta jiġu nnotifikati b'deċiżjoni kif imsemmi fl-Artikolu 46(1) tar-Regolament (UE) 468/2014 (BĊE/2014/17). Sussegwentement, huma għandhom jirrapportaw informazzjoni skont it-Titolu III ta' dan ir-Regolament.

TITOLU II

**GRUPPI U ENTITAJIET SINIFIKANTI TAĦT SUPERVIŻJONI**

*KAPITOLU I*

***Gruppi sinifikanti taħt superviżjoni***

*Artikolu 4*

**Format u frekwenza ta' rapportar fuq bażi kkonsolidata u dati ta' referenza u dati ta' trasferiment ta' flus għal gruppi sinifikanti taħt superviżjoni li japplikaw IFRS għal rapportar superviżorju skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013**

Skont l-Artikolu 99(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, gruppi sinifikanti taħt superviżjoni li japplikaw IFRS skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 għal rapportar superviżorju skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament (UE)

Nru 575/2013, għandhom jirrapurtaw informazzjoni finanzjarja superviżorja kif ipprovdut fl-Artikoli 2, 3 u 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 fuq bażi kkonsolidata. Subgruppi tagħhom li japplikaw IFRS skont ir-Regolament (KE) Nru 1601/2002 għar-rapportar superviżorju għandhom jirrapportaw ukoll informazzjoni finanzjarja superviżorja kif ipprovdut fl-Artikoli 2, 3 u 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 fuq bażi kkonsolidata.

*Artikolu 5*

**Format u frekwenza tar-rapportar fuq bażi kkonsolidata u dati ta' referenza u dati ta' trasferiment ta' flus għal gruppi sinifikanti taħt superviżjoni li japplikaw oqfsa ta' kontabilità nazzjonali bbażati fuq id-Direttiva 86/635/KEE**

Skont l-Artikolu 99(6) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, gruppi sinifikanti taħt superviżjoni minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 4, li huma soġġetti għal oqfsa ta' kontabilità nazzjonali bbażati fuq id-Direttiva 86/635/KEE, inkluż kwalunkwe subgrupp tagħhom, għandhom jirrapportaw informazzjoni finanzjarja superviżorja kif stipulat fl-Artikoli 2, 3 u 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 fuq bażi kkonsolidata.

*KAPITOLU II*

***Entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni***

*Artikolu 6*

**Format u frekwenza ta' rapportar fuq bażi individwali għal entitajiet li mhumiex parti minn grupp sinifikanti taħt superviżjoni**

1. Entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni li mhumiex parti minn grupp sinifikanti taħt superviżjoni li japplika IFRS taħt ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002, jew għaliex jippreparaw l-kontijiet annwali tagħhom skont l-istandards ta' kontabilità msemmijin hemmhekk jew għaliex japplikawhom għar-rapportar superviżorju skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, għandhom jirrapportaw l-informazzjoni finanzjarja superviżorja lill-NCA rilevanti fuq bażi individwali. Dan għandu japplika wkoll għal friegħi stabbiliti fi Stat Membru parteċipanti minn istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fi Stat Membru mhux parteċipanti.

2. Ir-rapportar finanzjarju superviżorju msemmi fil-paragrafu 1 għandu jinkludi l-informazzjoni speċifikata fl-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 u għandu jsir bil-frekwenza speċifikata f'dak l-Artikolu.

3. Entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni, minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 1, li mhumiex parti minn grupp sinifikanti taħt superviżjoni u li huma soġġetti għal oqfsa ta' kontabilità nazzjonali bbażati fuq id-Direttiva 86/635/KEE, inklużi friegħi stabbiliti fi Stat Membru parteċipanti minn istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fi Stat Membru mhux parteċipanti, għandhom jirrapportaw informazzjoni finanzjarja superviżorja lill-NCA rilevanti.

4. Ir-rapportar finanzjarju superviżorju msemmi fil-paragrafu 3 għandu jinkludi l-informazzjoni speċifikata fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 u għandu jsir bil-frekwenza speċifikata f'dak l-Artikolu.

5. L-informazzjoni speċifikata fil-paragrafi 2 u 4 iktar 'il fuq għandha tinkludi biss informazzjoni relatata ma':

(a) assi, obbligazzjonijiet, ekwità, dħul u spejjeż li huma rikonoxxuti mill-entità superviżorja skont l-istandards ta' kontabilità applikabbli;

(b) skoperturi li ma jidhrux fil-karti tal-bilanċ u attivitajiet fejn l-entità taħt superviżjoni hija involuta;

(c) tranżazzjonijiet għajr għal dawk speċifikati fil-punti (a) u (b) mwettqin minn entità taħt superviżjoni;

(d) regoli ta' valutazzjoni, inklużi metodi għall-istima ta' telf tar-riskju ta' kreditu, li jeżistu skont l-istandards ta' kontabilità applikabbli u li huma applikati effettivament mill-entità taħt superviżjoni.

6. L-NCAs jistgħu jiġbru l-informazzjoni li għandha tintbagħat lill-BĊE speċifikata fil-paragrafi 2 u 4 bħala parti mill-qafas ta' rapportar nazzjonali usa' li, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali rilevanti, jinkludi informazzjoni finanzjarja superviżorja addizzjonali u jservi wkoll għanijiet li ma jkunux biss ta' superviżjoni, bħal għanijiet statistiċi.

*Artikolu 7*

**Format u frekwenza ta' rapportar fuq bażi individwali għal entitajiet li mhumiex parti minn grupp sinifikanti taħt superviżjoni**

1. Entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni li japplikaw IFRS skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 jew għaliex iħejju l-kontijiet annwali tagħhom b'mod konformi mal-istandards tal-kontabilità msemmija fih, jew inkellha għaliex japplikawhom għal rapportar superviżorju skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u li huma parti minn grupp sinifikanti taħt superviżjoni għandhom jirrapportaw informazzjoni finanzjarja superviżorja lill-NCA rilevanti fuq bażi individwali. Rapportar finanzjarju superviżorju minn dawn l-entitajiet għandu jsir bil-frekwenza speċifikata fl-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 u għandu jinkludi l-informazzjoni minima komuni speċifikata fl-Anness I.

2. L-NCAs għandhom jissottomettu lill-BĊE kwalunkwe mudell addizzjonali speċifikat fl-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 miġbur mill-NCA. L-NCAs għandhom jinnotifikaw lill-BĊE bil-quddiem dwar kwalunkwe mudell addizzjonali li jkun biħsiebhom jibagħtu.

3. Entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni, minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 1, li huma soġġetti għal oqfsa ta' kontabilità nazzjonali bbażati fuq id-Direttiva 86/635/KEE u li jkunu parti minn grupp sinifikanti taħt superviżjoni għandhom jirrapportaw informazzjoni finanzjarja superviżorja lill-NCA rilevanti.

4. Ir-rapportar finanzjarju superviżorju msemmi fil-paragrafu 3 għandu jsir bil-frekwenza speċifikata fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 u għandu jinkludi l-informazzjoni minima komuni speċifikata fl-Anness I.

5. L-NCAs għandhom jissottomettu lill-BĊE kwalunkwe mudell addizzjonali speċifikat fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 miġbur mill-NCA. L-NCAs għandhom jinnotifikaw lill-BĊE bil-quddiem dwar kwalunkwe mudell addizzjonali li jkun biħsiebhom jibagħtu.

6. L-informazzjoni speċifikata fil-paragrafi 1, 2, 4, u 5 għandha tiġi rrapportata kif stipulat fl-Artikolu 6(5) ta' dan ir-Regolament.

7. NCAs jistgħu jiġbru d-dejta li għandha tintbagħat lill-BĊE kif speċifikat fil-paragrafi 1, 2, 4 u 5 bħala parti minn qafas ta' rapportar nazzjonali usa' li, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali rilevanti, tinkludi informazzjoni finanzjarja superviżorja addizzjonali u jservi wkoll għanijiet li ma jkunux biss ta' superviżjoni, bħal għanijiet statistiċi.

*Artikolu 8*

**Dati ta' referenza u dati ta' trasferiment ta' flus għal entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni**

1. L-informazzjoni li tirrigwarda l-entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni speċifikata fl-Artikoli 6 u 7 għandu jkollhom id-dati ta' referenza li ġejjin:

(a) għar-rapportar trimestrali, il-31 ta' Marzu, it-30 ta' Ġunju, it-30 ta' Settembru u l-31 ta' Diċembru;

(b) għar-rapportar semi-annwali, it-30 ta' Ġunju u l-31 ta' Diċembru;

(c) għar-rapportar annwali, il-31 ta' Diċembru.

2. Informazzjoni li tirriferi għal perijodu għandha tiġi rrapportata b'mod kumulattiv mill-ewwel jum tas-sena kalendarja sad-data ta' referenza.

3. Bħala eċċezzjoni għall-paragrafi 1 u 2, fejn entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni jitħallew jelaboraw il-kontijiet annwali tagħhom ibbażati fuq sena ta' kontabilità li tiddevja mis-sena kalendarja, l-NCAs jistgħu jaġġustaw id-dati ta' referenza sal-aħħar tas-sena ta' kontabilità. Id-dati ta' referenza aġġustati għandhom ikunu tliet xhur, sitt xhur, disa' xhur u 12-il xahar wara l-bidu tas-sena ta' kontabilità. Informazzjoni li tirriferi għal perijodu għandha tiġi rrapportata b'mod kumulattiv mill-ewwel jum tas-sena ta' kontabilità sad-data ta' referenza.

4. L-NCAs għandhom jissottomettu lill-BĊE l-informazzjoni dwar entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni speċifikati fl-Artikoli 6 u 7 sal-għeluq tal-ħin tax-xogħol fid-dati tat-trasferiment ta' flus li ġejjin:

(a) għal entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni li mhumiex parti minn grupp sinifikanti taħt superviżjoni, l-40 jum tax-xogħol wara d-data ta' referenza li tirrigwardaha;

(b) għal entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni li huma parti minn grupp sinifikanti taħt superviżjoni, il-55 jum tax-xogħol wara d-data ta' referenza li tirrigwardaha;

5. L-NCAs għandhom jiddeċiedu meta entitajiet taħt superviżjoni għandhom jirrapportaw informazzjoni finanzjarja superviżorja sabiex dawn ikunu jistgħu jilħqu dawn l-iskadenzi.

*KAPITOLU III*

***Rapportar minn gruppi sinifikanti taħt superviżjoni fir-reigward ta' sussidjarji stabbiliti fi Stat Membru mhux parteċipanti jew pajjiż terz***

*Artikolu 9*

**Format u frekwenza ta' rapportar minn gruppi sinifikanti taħt superviżjoni fir-rigward ta' sussidjarji stabbiliti fi Stat Membru mhux parteċipanti jew pajjiż terz**

1. Istituzzjonijiet prinċipali fi Stat Membru parteċipanti u istituzzjonijiet ikkontrollati minn kumpanija holding finanzjarja prinċipali jew kumpanija holding finanzjarja mħallta prinċipali fi Stat Membru parteċipanti għandhom jiżguraw li informazzjoni finanzjarja superviżorja fir-rigward ta' sussidjarji stabbiliti fi Stat Membru mhux parteċipanti jew pajjiż terz tiġi rrapportata fuq bażi individwali lill-NCAs relevanti kif ġej:

(a) għal gruppi sinifikanti taħt superviżjoni li japplikaw IFRS skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002, jew għaliex iħejju l-kontijiet annwali tagħhom b'mod konformi mal-istandards tal-kontabilità msemmija hawnhekk jew inkella għaliex japplikawhom għal rapportar superviżorju skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni fi ħdan Stat Membru parteċipanti, ir-rapportar finanzjarju superviżorju għandu jinkludi l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafu 1 tal-Anness II u għandu jsir bil-frekwenza speċifikata fl-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014;

(b) għal gruppi sinifikanti taħt superviżjoni, minbarra dawk imsemmija hawn fuq, li jkunu soġġetti għal oqfsa ta' kontabilità nazzjonali bbażati fuq id-Direttiva 86/635/KEE fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni fi ħdan Stat Membru parteċipanti, ir-rapportar finanzjarju superviżorju għandu jinkludi l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafu 2 tal-Anness II u għandu jsir bil-frekwenza speċifikata fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014;

2. Bħala eċċezzjoni għall-paragrafu 1, impriżi prinċipali msemmija f'dak il-paragrafu m'għandhomx jirrapportaw informazzjoni finanzjarja dwar sussidjarji li l-assi tagħhom għandhom valur totali ta' EUR 3 biljun jew inqas. Għal dan l-iskop, il-valur totali tal-assi għandu jiġi ddeterminat fuq il-bażi tal-kriterji pprovduti fil-Parti IV, Titolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17).

3. Meta aġġornament tal-lista ta' entitajiet taħt superviżjoni, skont il-Parti IV, Titolu 2, Kapitolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17), jindika li l-valur totali tal-assi ta' sussidjarja jaqbeż EUR 3 biljun, sussidjarja għandha tkun inkluża fl-informazzjoni li għandha tiġi rrapportata skont il-paragrafu 1 fl-ewwel data ta' referenza li ssegwi 18-il xahar wara l-pubblikazzjoni tal-lista aġġornata ta' entitajiet taħt superviżjoni. Meta dak l-aġġornament jiżvela li l-valur totali tal-assi ta' sussidjarja huwa inqas minn jew ugwali għal EUR 3 biljun, l-impriża prinċipali għandha tibda tirrapporta informazzjoni skont il-paragrafu 2 fl-ewwel data ta' referenza li ssegwi wara l-pubblikazzjoni tal-lista aġġornata tal-entitajiet taħt superviżjoni.

*Artikolu 10*

**Dati ta' referenza u dati ta' trasferiment ta' flus għal rapportar minn gruppi sinifikanti taħt superviżjoni fir-rigward ta' sussidjarji stabbiliti fi Stat Membru mhux parteċipanti jew pajjiż terz**

1. L-informazzjoni speċifikata fl-Artikolu 9 għandha tinġabar bl-istess dati ta' referenza bħall-informazzjoni finanzjarja superviżorja dwar il-grupp sinifikanti taħt superviżjoni relatat. Informazzjoni li tirriferi għal perijodu għandha tiġi rrapportata b'mod kumulattiv mill-ewwel jum tas-sena ta' kontabilità użata għar-rapportar tal-informazzjoni finanzjarja sad-data ta' referenza.

2. L-NCAs għandhom jissottomettu lill-BĊE informazzjoni dwar sussidjarji stabbiliti fi Stat Membru mhux parteċipanti jew pajjiż terz kif speċifikat fl-Artikolu 9 sal-għeluq tal-55 jum tax-xogħol wara d-data ta' referenza li tirrigwardaha.

3. L-NCAs għandhom jiddeċiedu meta entitajiet taħt superviżjoni għandhom jirrapportaw informazzjoni finanzjarja superviżorja sabiex dawn ikunu jistgħu jilħqu din l-iskadenza.

TITOLU III

**GRUPPI U ENTITAJIET INQAS SINIFIKANTI TAĦT SUPERVIŻJONI**

*KAPITOLU I*

***Gruppi inqas sinifikanti taħt superviżjoni***

*Artikolu 11*

**Format and frekwenza ta' rapportar fuq bażi kkonsolidata għal gruppi inqas sinifikanti taħt superviżjoni**

1. Gruppi inqas sinifikanti taħt superviżjoni li japplikaw IFRS skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 għar-rapportar superviżorju skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, inkluż kwalunkwe subgrupp tiegħu, għandhom jirrapportaw informazzjoni finanzjarja superviżorja lill-NCA rilevanti fuq bażi kkonsolidata.

2. Ir-rapportar finanzjarju superviżorju msemmi fil-paragrafu 1 għandu jsir bil-frekwenza speċifikata fl-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 u għandu jinkludi l-informazzjoni minima komuni speċifikata fil-paragrafu 1 tal-Anness I.

3. L-NCAs għandhom jissottomettu lill-BĊE kwalunkwe mudell addizzjonali speċifikat fl-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 li tiġbor l-NCA. L-NCAs għandhom jinnotifikaw lill-BĊE bil-quddiem dwar kwalunkwe mudell addizzjonali li jkun biħsiebhom jibagħtu.

4. Gruppi inqas sinifikanti taħt superviżjoni, minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 1, li huma soġġetti għal oqfsa ta' kontabilità nazzjonali bbażati fuq id-Direttiva 86/635/KEE, għandhom jirrapportaw informazzjoni finanzjarja superviżorja lill-NCA rilevanti. Dak ir-rapportar finanzjarju superviżorju għandu jsir bil-frekwenza speċifikata fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 u għandu jinkludi l-informazzjoni minima komuni speċifikata fil-paragrafu 2 tal-Anness I.

5. L-NCAs għandhom jibagħtu lill-BĊE kwalunkwe mudell addizzjonali speċifikat fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 li tiġbor l-NCA. L-NCAs għandhom jinnotifikaw lill-BĊE bil-quddiem dwar kwalunkwe mudell addizzjonali li jkun biħsiebhom jibagħtu.

6. Bħala eċċezzjoni għall-paragrafi 4 u 5 ir-rapportar finanzjarju superviżorju dwar gruppi inqas sinifikanti taħt superviżjoni li l-assi tagħhom għandhom valur totali ta' EUR 3 biljun jew inqas għandu jinkludi informazzjoni speċifikata fl-Anness III, bħala minimu komuni, minflok l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu. Għal dan l-iskop, il-valur totali tal-assi ta' gruppi taħt superviżjoni għandu jkun il-valur użat sabiex jiġi ddeterminat jekk entità taħt superviżjoni hijiex sinifikanti jew le skont id-daqs tagħha, b'mod konformi mal-Parti IV Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17).

7. Meta aġġornament tal-lista ta' entitajiet taħt superviżjoni, skont il-Parti IV Titolu II Kapitolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17), jindika li l-valur totali tal-assi ta' grupp inqas sinifikanti taħt superviżjoni jaqbeż EUR 3 biljun, dak il-grupp għandu jibda jirrapporta l-informazzjoni b'mod konformi mal-paragrafi 4 u 5 fl-ewwel data ta' referenza li ssegwi 18-il xahar wara l-pubblikazzjoni tal-lista aġġornata ta' entitajiet taħt superviżjoni. Meta dak l-aġġornament jiżvela li l-valur totali tal-assi ta' grupp inqas sinifikanti taħt superviżjoni huwa inqas minn jew ugwali għal EUR 3 biljun, dak il-grupp għandu jibda jirrapporta informazzjoni skont il-paragrafu 6 fl-ewwel data ta' referenza li ssegwi wara l-pubblikazzjoni tal-lista aġġornata tal-entitajiet taħt superviżjoni.

8. L-informazzjoni speċifikata fil-paragrafi 2, 3, 4, 5 u 6 għandha tiġi rrapportata kif stipulat fl-Artikolu 6(5) ta' dan ir-Regolament.

9. L-NCAs jistgħu jiġbru l-informazzjoni li għandha tintbagħat lill-BĊE li hija speċifikata fil-paragrafi 2, 3, 4, 5 u 6 bħala parti minn qafas ta' rapportar usa' li, f'konformità mal-liġi relevanti tal-Unjoni jew dik nazzjonali, tinkludi informazzjoni finanzjarja superviżorja addizzjonali u sservi wkoll għanijiet li ma jkunux biss ta' superviżjoni, bħal għanijiet statistiċi.

*Artikolu 12*

**Dati ta' referenza u dati ta' trasferiment ta' flus għal gruppi inqas sinifikanti taħt superviżjoni**

1. L-informazzjoni li tirrigwarda l-gruppi inqas sinifikanti taħt superviżjoni speċifikata fl-Artikolu 11 għandu jkollha d-dati ta' referenza li ġejjin:

(a) għar-rapportar trimestrali, il-31 ta' Marzu, it-30 ta' Ġunju, it-30 ta' Settembru u l-31 ta' Diċembru;

(b) għal rapportar semi-annwali, it-30 ta' Ġunju u l-31 ta' Diċembru;

(c) għar-rapportar annwali, il-31 ta' Diċembru.

2. Informazzjoni li tirriferi għal perijodu għandha tiġi rrapportata b'mod kumulattiv mill-ewwel jum tas-sena kalendarja sad-data ta' referenza.

3. Bħala eċċezzjoni għall-paragrafi 1 u 2, fejn gruppi inqas sinifikanti taħt superviżjoni jitħallew mill-NCAs li jirrapportaw l-informazzjoni finanzjarja superviżorja tagħhom ibbażata fuq sena ta' kontabilità li tiddevja mis-sena kalendarja, l-NCAs jistgħu jaġġustaw id-dati ta' referenza sal-aħħar tas-sena ta' kontabilità. Id-dati ta' referenza aġġustati għandhom ikunu tliet xhur, sitt xhur, disa' xhur u 12-il xahar wara l-bidu tas-sena ta' kontabilità. Informazzjoni li tirriferi għal perijodu għandha tiġi rrapportata b'mod kumulattiv li jopri l-perijodu mill-ewwel jum tas-sena ta' kontabilità sad-data ta' referenza.

4. L-NCAs għandhom jissottomettu lill-BĊE l-informazzjoni speċifikata fl-Artikolu 11 sal-għeluq tal-ħin tax-xogħol fid-dati tat-trasferimenti ta' flus li ġejjin:

(a) għal gruppi inqas sinifikanti taħt superviżjoni, inklużi subgruppi, li jirrapportaw fuq bażi kkonsolidata, il-55 jum tax-xogħol wara d-data ta' referenza li tirrigwardaha;

(b) għal gruppi inqas sinifikanti taħt superviżjoni li jirrapportaw fuq bażi subkonsolidata skont l-Artikolu 1(3), il-65 jum tax-xogħol wara d-data ta' referenza relatata.

5. L-NCAs għandhom jiddeċiedu meta entitajiet taħt superviżjoni għandhom jirrapportaw informazzjoni finanzjarja superviżorja sabiex dawn ikunu jistgħu jilħqu dawn l-iskadenzi.

## *KAPITOLU II*

## ***Entitajiet inqas sinifikanti taħt superviżjoni***

### *Artikolu 13*

### **Format u frekwenza ta' rapportar fuq bażi individwali għal entitajiet inqas sinifikanti taħt superviżjoni li mhumiex parti minn grupp**

1. Entitajiet inqas sinifikanti taħt superviżjoni li japplikaw IFRS skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 jew għaliex iħejju l-kontijiet annwali tagħhom b'mod konformi mal-istandards ta' kontabilità msemmija fih, jew inkella għaliex japplikawhom għal rapportar superviżorju skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u li mhumiex parti minn grupp taħt superviżjoni, inklużi friegħi stabbiliti fi Stat Membri parteċipanti minn istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fi Stat Membru mhux parteċipanti, għandhom jirrapportaw informazzjoni finanzjarja superviżorja lill-NCA relevanti fuq bażi individwali.

2. Ir-rapportar finanzjarju superviżorju msemmi fil-paragrafu 1 għandu jsir bil-frekwenza speċifikata fl-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 u għandu jinkludi l-informazzjoni minima komuni speċifikata fil-paragrafu 1 tal-Anness I.

3. L-NCAs għandhom jissottomettu lill-BĊE kwalunkwe mudell addizzjonali speċifikat fl-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 miġbur mill-NCA. L-NCAs għandhom jinnotifikaw lill-BĊE bil-quddiem dwar kwalunkwe mudell addizzjonali li jkun biħsiebhom jibagħtu.

4. Entitajiet inqas sinifikanti taħt superviżjoni, minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 1, li huma soġġetti għal oqfsa ta' kontabilità nazzjonali bbażati fuq id-Direttiva 86/635/KEE u li mhumiex parti minn grupp taħt superviżjoni, inklużi friegħi stabbiliti fi Stat Membru parteċipanti minn istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fi Stat Membru mhux parteċipanti, għandhom jirrapportaw informazzjoni finanzjarja superviżorja lill-NCA rilevanti.

5. Ir-rapportar finanzjarju superviżorju msemmi fil-paragrafu 4 għandu jsir bil-frekwenza speċifikata fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 u għandu jinkludi l-informazzjoni minima komuni speċifikata fil-paragrafu 2 tal-Anness I.

6. L-NCAs għandhom jibagħtu lill-BĊE kwalunkwe mudell addizzjonali speċifikat fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 miġbur mill-NCA. L-NCAs għandhom jinnotifikaw lill-BĊE bil-quddiem dwar kwalunkwe mudell addizzjonali li jkun biħsiebhom jibagħtu.

7. Il-paragrafi 2, 3, 5 u 6 għandhom ikunu soġġetti għall-eċċezzjonijiet li ġejjin:

a) rapportar finanzjarju superviżorju dwar istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti taħt superviżjoni li l-assi tagħhom għandhom valur totali ta' inqas minn EUR 3 biljun għandu jinkludi l-informazzjoni speċifikata fl-Anness III, bħala minimu komuni, minflok l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafi 2, 3, 5 jew 6;

b) fergħa stabbilita fi Stat Membru parteċipanti minn istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fi Stat Membru mhux parteċipanti m'għandhiex tkun inkluża fir-rapportar tal-informazzjoni finanzjarja superviżorja jekk il-valur totali tal-assi jkun taħt EUR 3 biljun.

8. Għal finijiet tal-paragrafu 7, il-valur totali tal-assi ta' entità taħt superviżjoni għandu jkun il-valur użat għad-determinazzjoni jekk entità taħt superviżjoni hijiex sinifikanti jew le abbażi tad-daqs tagħha, skont il-Parti IV Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17).

9. Meta aġġornament tal-lista ta' entitajiet taħt superviżjoni, skont il-Parti IV Titolu II Kapitolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17), jindika li l-valur totali tal-assi ta' entità inqas sinifikanti taħt superviżjoni jaqbeż EUR 3 biljun, dik l-entità għandha tibda tirrapporta l-informazzjoni skont il-paragrafi 2, 3, 5 u 6 fl-ewwel data ta' referenza li sseħħ 18-il xahar wara l-pubblikazzjoni tal-lista aġġornata ta' entitajiet taħt superviżjoni. Meta dak l-aġġornament jiżvela li l-valur totali tal-assi ta' entità inqas sinifikanti taħt superviżjoni huwa inqas minn jew ugwali għal EUR 3 biljun, dik l-entità għandha tibda tirrapporta informazzjoni skont il-paragrafu 7 fl-ewwel data ta' referenza li sseħħ wara l-pubblikazzjoni tal-lista aġġornata tal-entitajiet taħt superviżjoni.

10. L-informazzjoni speċifikata fil-paragrafi 2, 3, 5, 6, u 7 għandha tiġi rrapportata kif stabbilit fl-Artikolu 6(5) ta' dan ir-Regolament.

11. L-NCAs jistgħu jiġbru l-informazzjoni li għandha tintbagħat lill-BĊE speċifikata fil-paragrafi 2, 3, 5, 6 u 7 bħala parti minn qafas ta' rapportar nazzjonali usa' li, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali rilevanti, jinkludi informazzjoni finanzjarja superviżorja addizzjonali u jservi wkoll għanijiet li ma jkunux biss ta' superviżjoni, bħal għanijiet statistiċi.

*Artikolu 14*

**Format u frekwenza ta' rapportar fuq bażi individwali għal entitajiet li huma parti minn grupp inqas sinifikanti taħt superviżjoni**

1. Entitajiet inqas sinifikanti taħt superviżjoni li japplikaw IFRS skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 jew għaliex ihejju l-kontijiet annwali tagħhom b'mod konformi mal-istandards ta' kontabilità msemmija fih, jew inkella għaliex japplikawhom għal rapportar superviżorju skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u li huma parti minn grupp inqas sinifikanti taħt superviżjoni għandhom jirrapportaw informazzjoni finanzjarja superviżorja lill-NCA rilevanti fuq bażi individwali.

2. Ir-rapportar finanzjarju superviżorju msemmi fil-paragrafu 1 għandu jsir bil-frekwenza speċifikata fl-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 u għandu jinkludi l-informazzjoni minima komuni speċifikata fl-Anness II.

3. L-NCAs għandhom jibagħtu lill-BĊE kwalunkwe mudell addizzjonali speċifikat fl-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 miġbur mill-NCA. L-NCAs għandhom jinnotifikaw lill-BĊE bil-quddiem dwar kwalunkwe mudell addizzjonali li jkun biħsiebhom jibagħtu.

4. Entitajiet inqas sinifikanti taħt superviżjoni, minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 1, li huma soġġetti għal oqfsa ta' kontabilità nazzjonali bbażati fuq id-Direttiva 86/635/KEE u huma parti minn grupp inqas sinifikanti taħt superviżjoni għandhom jirrapportaw informazzjoni finanzjarja superviżorja lill-NCA rilevanti.

5. Ir-rapportar finanzjarju superviżorju msemmi fil-paragrafu 4 għandu jsir bil-frekwenza speċifikata fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 u għandu jinkludi l-informazzjoni minima komuni speċifikata fl-Anness II.

6. L-NCAs għandhom jibagħtu lill-BĊE kwalunkwe mudell addizzjonali speċifikat fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 miġbur mill-NCA. L-NCAs għandhom jinnotifikaw lill-BĊE bil-quddiem dwar kwalunkwe mudell addizzjonali li jkun biħsiebhom jibagħtu.

7. Bħala eċċezzjoni għall-paragrafi 2, 3, 5 u 6, ir-rapportar finanzjarju superviżorju ta' entitajiet inqas sinifikanti taħt superviżjoni li l-assi tagħhom ikollhom valur totali ta' inqas minn EUR 3 biljun għandu jinkludi l-informazzjoni speċifikata fl-Anness III. Għal dan l-iskop, il-valur totali tal-assi ta' entità taħt superviżjoni għandu jkun il-valur użat għad-determinazzjoni jekk entità taħt superviżjoni hijiex sinifikanti jew le skont id-daqs tagħha, skont il-Parti IV Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17).

8. Meta aġġornament tal-lista ta' entitajiet taħt superviżjoni, skont il-Parti IV Titolu II Kapitolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 (BĊE/2014/17), jindika li l-valur totali tal-assi ta' entità inqas sinifikanti taħt superviżjoni jaqbeż EUR 3 biljun, dik l-entità għandha tibda tirrapporta l-informazzjoni skont il-paragrafi 2, 3, 5 u 6 fl-ewwel data ta' referenza li sseħħ 18-il xahar wara l-pubblikazzjoni tal-lista aġġornata ta' entitajiet taħt superviżjoni. Meta dak l-aġġornament jiżvela li l-valur totali tal-assi ta' entità inqas sinifikanti taħt superviżjoni huwa inqas minn jew ugwali għal EUR 3 biljun, dik l-entità għandha tibda tirrapporta informazzjoni skont il-paragrafu 7 fl-ewwel data ta' referenza li sseħħ wara l-pubblikazzjoni tal-lista aġġornata tal-entitajiet taħt superviżjoni.

